MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 650/2000/1

**Perit Arkitett u Inginier Civili Renato La Ferla**

**v.**

**Direttur tat-Turizmu**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-5 ta' April, 2000, li taqra hekk:
"Peress illi l-attur kien gie nkarigat fil-kwalita` professjonali tieghu bhala Perit Arkitett u Inginier Civili mill-konvenut in konnessjoni ma' xoghlijiet fl-Istitut tal-Istudji Turistici f'San Gorg, fil-limiti ta' San Giljan;

“Peress illi in konnessjoni ma’ l-imsemmija xoghlijiet saru diversi pagamenti akkont da parti tal-konvenut akkont tad-drittijiet professjonali u spejjez dovuti lill-attur;

“Peress illi l-konvenut fadallu jhallas lill-attur bilanc in konnessjoni mad-drittijiet professjonali tieghu u spejjez minnu nkorsi, inkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud;

“Peress illi l-konvenut, ghalkemm interpellat diversi drabi, kemm permezz ta’ ittra interpellatorja tat-30 ta’ April 1998 u anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 30 ta’ Gunju 1998, baqa’ inadempjenti (Dok “A” u Dok “B”);

“Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

“1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli versu l-attur ghall-hlas tad-drittijiet professjonali dovuti lilu u spejjez inkorsi mill-istess attur in konnessjoni ma’ xoghlijiet ezawriti fl-Istitut tal-Istudji Turistici f’San Gorg, fil-limiti ta’ San Giljan;

“2. Tillikwida okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi l-ammont ta’ drittijiet professjonali u spejjez inkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud dovuti lill-attur ghax-xoghlijiet fl-Istitut tal-Istudji Turistici f’San Gorg limiti ta’ San Giljan u dan wara li jitnaqqsu l-pagamenti akkont imhallsa mill-konvenut lill-istess attur;

“3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dak l-ammont hekk likwidat;

“Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Gunju 1998, u bl-imghaxijiet legali bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) dovuti mid-data tal-istess ittra ufficjali u cioe` mit-30 ta’ Gunju 1998 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni tieghu.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi l-ebda somma m'hi dovuta mill-konvenut lill-attur *stante* li l-attur diga` thallas tas-servizzi li ta.

"Salv eccezzjonijiet ohra, jekk ikun il-kaz, u bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Novembru, 2007, li in forza taghha ddecidiet il-kawza:
"... ... ... billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **u tilqa' t-talbiet attrici** fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

"1) Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli versu l-attur ghall-hlas tad-drittijiet professjonali dovuti lilu in konnessjoni ma' xoghlijiet ezegwiti fl-Istitut tal-Istudji Turistici f'San Gorg, fil-limiti ta' San Giljan;

"2) Tillikwida s-somma ta' fl-ammont ta' hamest elef u mija u dsatax-il Lira Maltija (Lm5,119) (€11,924) bhala drittijiet professjonali u spejjez inkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud li ghadhom dovuti lill-attur ghax-xoghlijiet professjonali tieghu in konnessjoni ma' xoghlijiet fl-Istitut tal-Istudji Turistici f'San Gorg, limiti ta' San Giljan u dan wara li jitnaqqsu l-pagamenti akkont imhallsa mill-konvenut lill-istess attur;

"3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hames t'elef u mija u dsatax-il Lira Maltija (Lm5,119) (€11,924) hekk likwidata.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju 1998, u bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dovuti mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob l-hlas lilu ta' drittijiet professjonali ta' perit fil-konfront tad-Direttur tat-Turizmu. Irrizulta li huwa ha hsieb diversi xoghlijiet li saru fl-Istitut tal-Istudji Turistici (ITS).

“Illi jirrizulta li fuq uhud mix-xoghlijiet hadem bhala konsulent, filwaqt li kien hemm xoghlijiet ohrajn li kien il-perit inkarigat mix-xoghol mill-istess u f’dan il-kaz kellu jsir il-hlas abbazi tat-**Tariffa K tal-Kap. 12.** Huwa kellu jgibilhom il-permessi necessarji mill-MEPA, jiehu hsieb id-direzzjoni tax-xoghlijiet u jiccertifikalhom il-kejl, dan anki kif konfermat mill-Inginieri Cuschieri (a fol.162 tal-process).

“Illi rrizulta (a fol.47 –Dok M1 sa M4 a fol.54 sa 57 tal-process) li matul il-Progett kien jithallas *circa* hames mitt lira (Lm500) (€1,164.69) fix-xahar peress li x-xoghol kien wiehed sodisfacenti.

“Illi hemm qbil bejn il-partijiet li l-attur thallas l-ammont ta’ erbgha u tletin elf, hames mija u wiehed u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm34,591.60) (€80,576.75). Pero` huwa jsostni li ghad fadallu bilanc x’jiehu. Ghalhekk sabiex din il-Qorti tasal ghall-konkluzjonijiet taghha hemm bzonn li tidhol f’dawn it-talbiet wahda wahda.

“**(i)** **<u>Taxxa fuq il-Valur Mizjud</u>**

“Illi hemm diversi aspetti tal-progett li l-partijiet mhux qed jaqblu dwarhom. Kwistjoni li dwarha m’hemmx qbil hija l-mod kif kien kalkulat il-valur ta’ xi parti jew ohra tal-progett mill-attur. Irrizulta mid-dokumenti ezebiti li l-attur meta jirreferi ghall-valur ta’ xi progett jew parti minnu izid mal-valur ammont ekwivalenti ghal 15% VAT u imbaghad jahdem it-tariffa fuq kollox. Imbaghad, il-Perit talab hlas iehor ta’ VAT fuq it-tariffa innifisha.

“Illi l-attur isostni li t-taxxa fuq il-valur mizjud huwa parti integrali mill-valur tax-xoghlijiet u jirrizulta anke mid-dokumenti ezebiti mill-konvenut li din effettivament thallset. Ghalhekk din it-taxxa ghandha tigi kkalkolata bhala parti integrali mill-valur tax-xoghlijiet ghall-finijiet ta’ kalkolu tad-drittijiet professjonali.

“Illi l-konvenut min-naha tieghu jsostni li skond l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud il-ligi tipprovdi li l-valur huwa l-

valur tas-servizz minghajr ma zzid mieghu l-istess VAT li tkun qed tikkalkula.

“Illi ghal dak li jirrigwarda d-drittijiet professjonali ta’ perit hemm qbil bejn il-partijiet li tapplika t-**Tariffa K tal-Kap 12** u fejn din tinvolvi x-xoghlijiet indikati f’paragrafu 10 tal-istess u l-ispiza hija ta’ iktar minn Lm1,000 (€2,329.37) tali dritt ta’ perit huwa dak ta’ 6% fuq l-ispiza tax-xoghol maghmul.

“Illi l-punt li qam f’din il-kawza huwa jekk tali persentagg ghandux jinhadem fuq il-valur tax-xoghol esegwit flimkien mal-VAT, jew inkella biss fuq il-valur tax-xoghol bl-esklussjoni tal-Vat, u din il-Qorti thoss li la darba l-VAT hija wkoll fiha nfisha spiza tax-xoghol, l-ammont li t-tariffa tal-istess perit arkitett ghandha tinhadem fuqha hija dik tal-valur tax-xoghol li jinkludi l-persentagg tal-VAT dovut u dan huwa wkoll konsistenti ma’ dak li rriteniet il-Kamra tal-Periti  Kamra tal-Periti fuq talba tal-istess Perit Laferla fejn fl-istess risposta taghhom indikaw li dritt ta’ perit ghandu jithallas fuq il-figura ta’ dak li ntefaq inkluz il-VAT:-

*“Fees are to be assessed on the full value of the works in this case Cost of Construction inclusive of VAT or any other tax, (LM + 15%) but VAT can only be added to your fee if it is actually due, ie if you have already paid it”.*

“Illi ghalhekk il-kalkolu tal-attur ghandu jitqies bhala wiehed validu u skond il-ligi u ghalhekk f’dan il-kuntest din il-Qorti ma hijiex qed taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenut li t-tezi tieghu hija fis-sens li t-tariffa ghandha tinhadem biss fuq il-valur tax-xoghol esegwiet eskluz il-VAT u dan peress li l-ewwel artikolu tas-Seba’ Skeda tal-Kap 406 tipprovdi li l-valur taxxabbli ta’ provista ghandu jkun il-valur totali tal-prezz imhallas eskluz it-taxxa fuq il-valur mizjud li ghandha tithallas taht dan l-Att.

“Illi pero` din it-tifsira u definizzjoni hija ntiza biss sabiex tindika liema valur ghandu jittiehed sabiex tinhadem il-VAT fuqha. Izda din il-Qorti thoss li wara li jsir dan l-ezercizzju l-valur tax-xoghol esegwiet ghall-fini tat-tariffa indikata ghandha tinkludi l-istess imposizzjoni ta’ VAT u

dan peress li tali VAT hija spiza fiha nfisha li certament taffetwa l-valur tal-istess xoghlijiet.

“Illi din il-posizzjoni hija simili ghal dik li kien hemm permezz tal-Att XII tal-1994 – L-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud 1994 fejn saret riferenza ghall-artikolu 18 u l-ewwel paragrafu tar-Raba’ Skeda tal-istess Att, li jipprovdi li l-valur taxxabbli ta’ provista taxxabbli ghandu jkun il-valur totali ta’ kumpens, izda esklussa t-taxxa fuq il-valur mizjud li ghandha tithallas bis-sahha ta’ dan l-Att meta ssir il-provista. Jidher ghalhekk li s-sitwazzjoni bl-imsemmi Att hija simili ghal dik attwali taht il-Kap 409 u f’dan is-sens jigi ndikat li l-kelma provista’ tinkludi ‘provista ta’ oggetti’ kif hemm imfisser fl-istess Att kemm taht l-artikolu 2 u t-Tieni Skeda tal-Kap 406.

“Illi dwar il-punt li l-ftehim dwar l-istess kien sar fis-sena 1994 jinghad li dan ma ghandu bl-ebda mod ibiddel din il-konkluzjoni, u dan peress li jirrizulta li d-drittijiet mertu tal-kawza odjerna saru dovuti wara li gie esegwiet ix-xoghol fis-sena 1995 u 1996 u allura meta l-Ligi dwar il-VAT kienet gja dahlet *in vigore,* u wkoll meta jirrizulta li skond l-artikolu 2 tar-Raba’ Skeda tal-Kap 406 li servizz huwa taxxabbli fil-mument meta jkun provdut (interpretazzjoni li l-istess konvenut jaqbel dwarha fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu (fol. 481). Din l-istess sottomissjoni hija fil-fatt kontradittorja ghal dak li xehed Carmelo sive Lino Borg fl-affidavit tieghu datat l-1 ta’ Lulju 2004 fejn f’pagna 294 tal-process jghid li 6% tinhadem fuq il-valur tal-kuntratt li sar fis-26 ta’ Ottubru 2004 meta ma kienx ghadha *in vigore* l-ligi tal-VAT, u dan irrispettivament meta sar ix-xoghol. Konsistenti ma’ dan hawn deciz jirrizulta li fil-fatt il-kuntrattur Rite Mix thallas ghall-valur tax-xoghlijiet inkluz it-taxxa tal-valur mizjud, u dan huwa wkoll sinifikanti ghaliex il-valur tax-xoghol tal-istess kuntrattur huwa wkoll il-valur li fuqu trid tinhadem it-tariffa tal-periti ta’ 6%.

“**<u>Arretrati</u>**

“Illi l-attur jippretendi li ghad fadal bilanc favur tieghu ta’ sitt elef u tlett mija u tlettax-il lira Maltin (Lm6,313) (€14,705.33) li kienu gejjin mill-ewwel fazi tal-progett. Il-

konvenut isostni li s-somma ta’ tlett elef mija u sitta u hamsin lira Maltin (Lm3,156) (€7,351.50) biss hi dovuta. Dan ghaliex l-attur b’ittra datata 16 ta’ Jannar 1996, naqqas l-ammont bin-nofs ghaliex in-nofs l-iehor kien inkluz ma’ ammonti ohra li qed jitlob.

“Illi mid-dokumenti ezebiti rrizulta li l-partijiet ghamlu zmien fi trattattivi sabiex jaslu ghal arrangament bejniethom. F’dawn it-tahdidiet intbaghtu ittri u nghaddew dokumenti. Kwalunkwe offerta li saret dak iz-zmien hija meqjusa li saret ‘bla pregudizzju’. Minn imkien ma jirrizulta li l-Perit irrinunzja ghal nofs l-ammont. Infatti dawn l-arretrati huma ppruvati tant hu hekk li x-xhud Lino Borg, li kien Direttur tad-dipartiment konvenut, xehed hekk in kontro-ezami *“….originarjament kont lest biex naccetta l-arrettrati ta’ Lm6,316 (€14,712.32) tal-Perit Laferla,..”* L-istess xhud (a fol. 454 tal-process) xehed *“….dan fuq xoghlijiet ta’ qabel, konna ftehmna Lm6,313 (€14,712.32) originally u kelli proponiment minghand James Rizzo illi l-ammont huwa tajjeb”.* “Ghalhekk l-ammont ta’ Lm6,313 *(€14,712.32)* huwa dovut lill-attur mill-konvenut.

“**(ii)** ***<u>Assembly Hall u Hostel</u>***

“Illi originarjament din il-parti tal-progett kienet intiza li ssir flimkien mal-kostruzzjoni tat-*Teaching Kitchen*, izda dan gie abbandunat. Il-pendenza dwar dan il-punt bejn il-partijiet hija li filwaqt li l-attur isostni li l-valur tal-progett ghandu jkun tliet mitt elf lira Maltin (Lm300,000) *(€698,812.02) oltre’* t-taxxa fuq il-valur mizjud, il-konvenut jinsisti li t-tariffa ghandha tinhadem fuq il-valur kif stmat mill-attur u cioe` Lm300,000 *(€698,812.02)*.

“Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-valur tal-progett ghandu jigi mahdum fuq Lm300,000 (€698,812.02*)* + 15% VAT. Skond it-Tariffa K applikabbli ghall-Periti meta progett jisfa abbandunat, id-drittijiet professjonali tal-Perit ghandhom jammontaw ghal terz ta’ 6%. B’hekk l-ammont dovut lill-Perit huwa ta’ sebat elef disa’ mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm7,935) (Lm300,000 + 15% = Lm345,000 u 1/3 ta’ 6% ta’ Lm 345,000 + 15%):

(€698,812 + 15% = €803,633 u 1/3 ta 6% ta' €803,633 + 15%).

"**(iii) Kuntratt Originali u *Extra works***

"Illi rrizulta li parti mill-progett sar wara sejha ghall-offerti u kienet il-kumpanija Rite Mix Limited li ntghazlet. Filwaqt li l-attur jippretendi li l-valur tal-kuntratt huwa ta' Lm229,365 (€534,276.73), il-konvenut isostni li l-valur ghandu jkun skond il-*letter of acceptance* kif ukoll mill-valur ta' xoghlijiet kif finalment approvati mill-Ministeru tal-Finanzi u cioe` Lm223,666 (€521,001.63). Din il-Qorti taqbel ma' tali sottomissjoni.

"Illi ghalhekk id-drittijiet professjonali dovuti lill-Perit huma skond it-Tariffa K fis-somma ta' sbatax-il elf lira u seba' mija u sitta u erbghin lira Maltin (Lm17,746) (€41,337) (Lm223,666 + 15% (Lm33,549) = Lm257,215 u 6% ta' Lm257,215 (Lm15,432.) + 15% (Lm2,314.) = Lm17,746) (€521,001 + 15% (€7,814) = €599,149, u 6% ta' €599,149 (€35,946) + 15% (€5390) = €41,337).

"Illi *inoltre'* rigward l-*extra works* li kienu relatati mall-valur originali, jirrizulta min-naha ta' sottomissjonijiet tal-konvenut li l-pendenza bejn il-partijiet rigward dawn l-*extra works* hija li l-attur qed izid il-VAT mal-valur ta' dawn ix-xoghlijiet. Kif diga` inghad il-VAT ghandha tkun inkluz. Ghalhekk id-drittijiet professjonali dovuti huma ta' tlett elef tliet mija u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm3,344) (Lm42,155 + 15% (Lm6,323) = Lm48,478 u 6% ta' Lm48,478 (Lm2,908) + 15%(Lm436) = Lm 3,344.30) €98,194 + 15% (€14,728) = €112,923 u 6% ta' €112,923 (€6773) + 15% (€1,015) = €7789.

"**(iv) Is-Suffitt u *Kitchen equipment***

"Illi rrizulta li fil-hrug tat-*tender* ghall-kuntratt originali il-Gvern zamm id-dritt li dan l-aspett tal-progett jahdmu b'kuntratt iehor separat. Infatti abbazi ta' dan id-Direttur tat-Turizmu kien talab id-direzzjoni lid-Direttur tal-Kuntratti jekk ghandux jinhareg *tender* gdid ghall-istess (Dok. "U1") u fil-fatt l-istess Direttur tal-Kuntratti kien indika li hekk

kellu jsir (Dok. “U2”), u konsegwentement kienet inharget sejha ghall-offerti ghal *‘supply of kitchen air extractor and ventilation suspended ceiling”.* It-taghmir tal-kcina kien sar minn diversi *suppliers* ohra.

“Illi l-attur isostni li dan ix-xoghol kollu gie ezegwit minnu billi huwa wasal biex hareg bi *provisional sum* li giet inkluza fil-*bill of quantities* ippreparat minnu bil-kollaborazzjoni tal-konsulenti tieghu (vide a fol. 203 tal-process). Il-konvenut isostni li l-attur m’ghandu jithallas xejn ghax ma kellu x’jaqsam xejn mal-kuntratt. Huwa m’ghamel l-ebda supervizjoni u l-ebda disinni fuq kuntratt li kien jittratta  appuntu dwar l-istess kuntratt ta’ xoghol. Gie allegat li l-attur kien diga` thallas ghar-responsabbilta` ghall-bini tal-istruttura tal-gebel li tkun b’sahhitha u hemm differenza bejn struttura u *supply and installation.*

“Illi fil-fatt l-istess konvenut isostni li huwa kien hallas lill-Inginier Carmelo Cuschieri peress li hu kien responsabbli ghal dan ix-xoghol min-naha tad-Dipartiment. Il-konvenut isostni wkoll li jirrizulta mill-*invoices* li l-Perit ma kienx involut tant hu hekk, l-*invoices* ghall-kuntratt tas-suffitt kienu jintbaghtu direttament mill-konsulenti lid-dipartiment, minghajr certifikazzjoni mill-attur u dan fil-verita’ jinsab ikkonfermat mix-xhieda tal-istess Inginier Carmel J. Cuschieri u Frank Calleja.

“Illi ghar-rigward tal-*Kitchen equipment*, il-konvenut isostni l-istess argument bhal fil-konfront tas-suffitt u cioe` li l-attur ma kellu x’jaqsam xejn mal-kuntratt li nghata separatament. La ghamel l-i*specifications*, la kellu sehem fil-formolazzjoni tat-*tender documents,* u lanqas kien fuq il-Bord tal-Ghazla. Huwa jsostni li x-xiri u t-twahhil ta’ dawn l-oggetti sar mid-ditti differenti li rebhu taht supervizjoni tal-Ing. Carmel Cuschieri u l-*Quantity Surveyor* Frank Calleja, li kienu finalment responsabbli ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt u thallsu ghal din ir-responsabbilta` u din il-Qorti thoss li fid-dawl tax-xhieda tal-istess u ta’ Lino Borg jirrizulta li kienu l-istess persuni hawn indikati li kienu involuti fis-supervizzjoni  tal-istess u mhux l-attur; mhux hekk biss izda l-*invoices* kollha relattivi ghall-istess kienu jinhargu mill-istess persuni u

direttament indirizzati lid-Dipartiment, u fil-fatt l-istess Dipartiment hallas direttament lill-istess persuni minghajr ebda certifikazzjoni.

“**(v)** **<u>Dritt tal-Kejl</u>**

“Illi l-attur jippretendi hlas bit-tariffa ta’ 2% ghall-kejl li sar fuq il-kuntratt originali, fuq il-kuntratt tas-suffitt u tal-*kitchen equipment,* u fuq ix-xoghlijiet zejda li saru mir-Rite Mix Limited.

“Illi l-konvenut jinsisti li t-tariffa tal-kejl mhix dovuta lill-attur peress li huwa diga` rcieva hlas bit-tariffa ta’ 6% li hija wkoll hlas ghar-responsabbilta` tal-perit li jiccertifika kejl li jkun sar minn haddiehor, u dan skond it-Tariffa K. Inoltre’, il-kejl ma sarx mill-Perit imma mill-Quantity Surveyor Frank Calleja li thallas ghal xogholu.

“Illi in subizzjoni l-Perit xehed li l-kejl sar minn Frank Calleja, u li huwa qatt ma kien ikun prezenti, pero` kien jiccekkja l-figuri mal-pjanti u d-decizjoni finali kienet tieghu. B’hekk ghandhom jithallsu kemm Frank Calleja kif ukoll huwa. L-istess Frank Calleja xehed in kontro-ezami li huwa kien jikkonsulta mal-Perit rigward kejl u *specifications.* Fejn ma kienx ikun hemm qbil ir-responsabbilita` tad-decizjonijiet kien igorrha l-Perit. Tant hu hekk li l-Perit kien *in charge* tal-applikazzjoni tal-MEPA.

“Illi *inoltre’* meta wiehed ihares lejn it-Tariffa K tal-Kap.12, l-artikolu 13 jispecifika li Perit ghandu dritt addizzjonali ghal kejl ta’ siti jew bini u tehid ta’ livelli. L-Artikolu 13 jirreferi ghal servizzi li mhux inkluzi fil-paragrafi 10 u 11. Fil-kaz odjern din il-Qorti thoss li l-artikolu 10 huwa dak relevanti ghax huwa l-artikolu li jaghmel referenza ghalih il-konvenut u li abbazi tieghu jsostni li l-Perit m’ghandux jithallas, izda f’dan l-artikolu ma hemm l-ebda riferenza ghall-kejl u allura hemm dritt ta’ hlas abbazi tal-artikolu 13 bir-rata kif indikata fl-artikolu 5 ta’ 2% u dan biss limitatament ghall- kuntratt originali u xoghol addizzjonali.

“Illi ghalhekk abbazi ta’ dan jigi deciz li anki f’dan il-kaz l-attur ghandu ragun *in parte*. Kwindi l-hlas dovut lill-Perit

hija t-tariffa ta’ 2% rapprezentanti d-dritt tal-kejl li huwa ta’ sebat elef u wiehed u tletin lira Maltija (Lm7,031) (€16,378) u cioe`:

“Kuntratt Rite Mix Lm257,215
€599,149.78
“*Extra works* Lm 48,478
€112,923.36

“Total Lm305,693 €712,073.14

“2% ta’ Lm305,603 (Lm6,113.86) + 15%
(Lm917.79). Lm7,032 €16,378

“**(vi) <u>Alterazzjonijiet</u>**

“Illi l-attur jippretendi wkoll li jithallas id-dritt f’dik il-parti tal-bini li saru tibdiliet, senjatament il-*Pastry Room* u r-restaurant u ambjenti ancillari. Huwa hareg stima ta’ dawn ix-xoghlijiet ta’ ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) (€23,293.73) oltre’ t-taxxa fuq il-valur mizjud u ghalihom jippretendi nofs id-drittijiet professjonali dovuti lilu skond artikolu 10 tat-Tariffa K.

“Il-konvenut jinsisti li xejn m’hu dovut lill-attur fuq dan l-aspett tal-progett, peress li din it-tariffa ma tezistix u peress li r-responsabbilta` ghal dawn it-tibdiliet li sikwit isiru fi progetti ta’ bini kbar u zghar huma mhallsa permezz tat-tariffa ta’ 6%.
“Illi din il-Qorti taqbel *in parte* mas-sottomissjoni tal-attur, u dan ghaliex jidher l-istess alterazzjonijiet saru u wkoll jidher li hemm tariffa dwar l-istess skond kif indikat f’paragrafu 10 tat-Tariffa K u kif indikat f’paragarfu 63 tan-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur izda ladarba l-attur qed jippretendi li din tammonta ghal nofs id-drittijiet professjonali ndikati fl-istess paragrafu l-ammont ghandu jkun dak ta’ Lm345 u cjoe’ Lm10,000 + 15% VAT = Lm11,150 at 6% = Lm690 diviz b’nofs = Lm345 + 15% (Lm52) = Lm397 (€803.63 u cioe` €223293.73 + 15% VAT = 25972.51 @ 6% = €1607027 diviz b’nofs = €803.63 + 15% = €121.13) = €924.76).

“**(vii)** **Bilanc Dovut**

“Illi ghalhekk l-attur fadallu bilanc favurih fl-ammont ta’:-

| | | |
|---|---|---|
| “Arretrati | Lm6,313 | €14,705 |
| “Xoghol Abbandunat | Lm7,935 | €18,484 |
| “Kuntratt Rite-Mix | Lm17,746 | €41,337 |
| “*Extra works* | Lm3,344 | €7,789 |
| “Alterazzjonijiet | Lm397 | €925 |
| “Dritt tal-Kejl | Lm7,031 | €16,378 |
| | | |
| “Total | Lm42,766 | €99,618 |

“Irid jitnaqqas l-ammont ta’ Lm3,056 (€7,119) minhabba mpjieg ta’ konsulenti (1% x Lm257,215 + Lm Lm48,478) (1% x €599150 + €112923).

| | | |
|---|---|---|
| “Subtotal | Lm39,710 | €92,499 |
| “Hlas li sar | Lm34,591 | €80,575 |
| “Bilanc dovut | Lm5,119 | €11,924 |

**(i)** **Hlas Zejjed**

“Illi ghar-rigward ta’ dan il-konvenut isostni li ghandha ssir tpacija ma’ ammont zejjed li huwa hallas lill-attur.

“Illi jinghad pero` li din il-kwistjoni ma ssemmietx fin-nota tal-eccezzjonijiet izda biss waqt il-kors tal-proceduri u fin-nota ta’ sottomissjonijiet. Dwar dan jinghad li l-artikolu 1197 tal-Kodici Civili jistabbilixxi li t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta’ flus u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu. Fil-kaz odjern pero` fi kwalunkwe kaz ma jidhirx li setghet saret tpacija ghax l-ammont huwa kontestat mill-attur u f’dan il-kaz jidher li hemm ammont dovut lill-attur. Kull riferenza ohra li setghat saret tirreferi ghal progett li ma kienx mertu tal-kawza odjerna u li huwa kontestat.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut tad-19 ta’ Dicembru 2007 li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata tad-29 ta’ Novembru 2007 fl-ismijiet premessi billi tirrevokaha in kwantu ddecidiet li t-tariffa tal-periti dovuta lill-attur ghandha tkun kalkulata fuq l-ispiza tax-xoghol imwettaq mizjud bit-taxxa fuq il-valur mizjud, tirrevoka l-ammont li l-konvenut kien ikkundannat ihallas, tistabbilixxi ammont gdid dovut mill-konvenut tenut kont ta’ dan il-punt, tvarja l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri in vista ta’ dan l-appell, tilqa’ t-talbiet f’dan ir-rikors u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Rat ir-risposta tal-appell u l-appell incidentali tal-attur prezentati fis-17 ta’ Marzu 2008, li in forza taghhom, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tirrespingi l-appell tal-konvenut appellant filwaqt illi tilqa’ l-appell incidentali tal-attur appellat u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tilqa’ l-ammont pretiz mill-attur appellat fl-intier tieghu u tikkundanna lill-konvenut appellant ghall-hlas ta’ dik is-somma likwidata, u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Rat ir-risposta (prezentata fir-Registru fil-11 ta’ April 2008) tal-konvenut ghall-appell incidentali tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell incidentali tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata tad-29 ta’ Novembru 2007 limitatament fir-rigward tal-aggravji mqajjma fl-istess appell incidentali, bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-attur, li fil-kwalita` tieghu professjonali bhala perit arkitett u inginier civili, kien inkarigat mill-konvenut jissorvelja xoghlijiet li kellhom isiru fl-Istitut tal-Istudji Turistici f’San Giljan, qed jitlob il-hlas tal-bilanc tad-dritt tieghu li jallega li ghadu lilu dovut.  Il-konvenut wiegeb

li ebda somma ma hi dovuta ghax l-attur diga` thallas tas-servizzi li ta. Apparti dizgwid bejn il-partijiet fuq certi *items*, il-kontestazzjoni principali bejn il-partijiet hi jekk id-dritt tal-attur bhala perit, li hemm qbil ghandha tkun ta' 6%, ghandux jinhadem fuq il-valur tax-xoghlijiet inkluza t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) jew le. Fil-waqt li l-attur jippretendi li d-dritt tieghu irid jinhadem fuq il-"prezz" kollu tal-progett, li allura jinkludi l-VAT imhallas, il-konvenut jargumenta li s-6% trid tinhadem fuq il-valur tal-progett fih innifsu, eskluz il-VAT. Fuq dan hemm qbil ukoll li l-attur gia` thallas parti kbira mid-dritt tieghu kif mahdum mill-konvenut (*eccetto* certi *items* li se jigu diskussi aktar tard), u l-attur qed jibbaza t-talbiet tieghu ghall-hlas tal-bilanc billi kkalkula 6% fuq il-VAT ukoll.

L-ewwel Qorti sabet favur l-attur fuq dan il-punt ghax qieset li l-VAT hija spiza fiha nfisha li certament taffetwa l-valur tal-istess xoghlijiet. L-ewwel Qorti, pero`, naqqset mill-pretensjoni tal-attur ghall-hlas ulterjuri fuq certi *items* partikolari tal-progett.

Fil-waqt li l-konvenut appella mid-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar il-kontroversja tad-dritt pretiz mill-attur fuq il-VAT, l-attur appella incidentalment fir-rigward tat-tnaqqis li stabbiliet l-ewwel Qorti fil-kuntest tal-pretensjoni tieghu fuq certi *items* partikolari.

Din il-Qorti tirrimarka mill-ewwel li l-kwistjoni tad-dritt fuq il-VAT hassibha mhux ftit u damet tgharbel il-kwistjoni ghal diversi hin, izda fl-ahhar waslet ghall-konkluzjoni li t-tezi tal-attur, abbraccjata mill-ewwel Qorti, mhix gustifikata.

Hemm qbil bejn il-partijiet li ghal dak li jirrigwarda d-drittijiet professjonali tal-attur, tapplika t-Tariffa K tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Skond din it-Tariffa, meta l-ispiza tax-xoghol maghmul teccedi elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), id-dritt tal-perit hu ta' 6% "tal-ispiza". Fil-fehma ta' din il-Qorti, meta l-ligi titkellem fuq "l-ispiza" tax-xoghol, qed tirreferi ghall-ispiza inkorsa fit-twettiq tal-istess xoghol, u mhux ukoll ghat-taxxa <u>li ghal min ix-xoghol ikun sar</u> ikun irid ihallas. Il-VAT

hija forma ta' "*sales tax*" li jhallasha mhux min qed jipprovdi s-servizz, izda min jircievi dak is-servizz. Il-valur tal-oggett jew servizz mibjugh jew provdut jibqa' dak li hu ghall-venditur jew *supplier*, izda dak li jircievi l-oggett jew servizz irid ihallas taxxa skond il-valur tal-oggett jew servizz li jircievi. Min qed jipprovdi s-servizz ikun qed jaghmilha ta' "*tax collector*", u meta jitlob hlas tas-servizz, irid jitlob ukoll hlas tat-taxxa li wara jghaddiha lill-Gvern. Din it-taxxa, allura, mhix "spiza" marbuta mas-servizz, izda taxxa li l-konsumatur irid ihallas lill-Gvern, tramite is-*supplier* li jservi ta' intermidjarju. Il-VAT mhix parti mill-"*end product*" mibjugh, u lanqas ma ghandha titqies bhala parti integrali tal-prodott, izda hi taxxa amministrattiva li min jixtri l-prodott jew jircievi s-servizz irid ihallas lill-Gvern.

Biex wiehed jiehu ezempju, min jixtri proprjeta` immobbli jrid ihallas taxxa lill-Gvern, taxxa li tiddependi fuq il-valur tal-proprjeta` u li tithallas lill-Gvern tramite n-nutar li jippubblika l-att ta' trasferiment. Din it-taxxa, pero`, mhix parti mill-valur tal-proprjeta`. It-taxxa pagabbli hija taxxa mhallsa minhabba t-trasferiment, u mhux parti mill-oggett; u d-dritt tan-Nutar ghas-servizzi tieghu ma jigix kalkolat ukoll fuq din it-taxxa. Hekk ukoll, f'kaz ta' VAT, it-taxxa li jhallas il-konsumatur hi dovuta mill-fatt li sar trasferiment tal-oggett jew inghata s-servizz, u mhux ghax kien hemm zieda fil-valur tal-oggett jew tas-servizz.

Din il-Qorti pprovat tirricerka biex tara jekk hemmx gurisprudenza in materja, u, milli jidher, dan il-punt hu wiehed gdid ghall-qrati taghna. Din il-Qorti sabet kaz, numru 123, deciz minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-23 ta' Frar, 2005, li kien qed jittratta interpretazzjoni tal-Artikolu 56(2) tal-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, Kap. 395 tal-Ligijiet ta' Malta (li jikkontempla sistema ta' "*clawback*"). Din il-Qorti osservat li meta l-ligi tipprovdi ghall-hlas lura ta' sittax fil-mija (16%) "tal-prezz tal-prodott", il-prezz tal-prodott mixtri bilfors jinkludi t-taxxi indiretti kollha li jkunu gew imposti fuqu.

Hawnhekk, pero`, mhux qed nitkellmu fuq il-"prezz" tal-prodott, izda fuq l-"ispiza", u filwaqt li l-prezz tal-prodott

ghall-konsumatur neccessarjament jinkludi t-taxxi indiretti marbuta mal-istess prodott, l-ispiza, ghal min ipoggi l-prodott fis-suq, ma tinkludix il-VAT, ghax din ihallasha min jakkwista l-prodott u talli kkonsma l-istess prodott.

Il-paragun li jaghmel l-attur mad-dazju mhallas malli prodott jigi importat lokalment (illum minn pajjizi minn barra l-Unjoni Ewropea) ma jregix, ghax id-dazju mhallas huwa parti mill-prodott u marbut mal-istess, u allura hija parti mill-ispiza li jhallas dak li jkun ghall-istess prodott, izda l-VAT mhix marbuta mal-prodott, izda mal-akkwist tal-istess (jew tas-servizz). Jekk wiehed, biex niehdu ezempju, jixtri xkora siment mill-Venezuela, l-ispiza tieghu tinkludi l-hlas ghas-siment u ghad-dazju, izda l-VAT hi marbuta mal-uzu tal-ixkora siment, mhux mal-prodott *ut sic*. Ghal negozjant, il-VAT titqies bhala "*tax neutral*", ghax huwa l-"*final consumer*" li jhallasha, u dan jaghmel dan il-hlas mhux ghax il-prodott innifsu hekk ikun jiswa, imma talli akkwista jew ikkonsma l-istess prodott. Fi ftit kliem, il-VAT mhux parti mill-valur tal-prodott (jew tas-servizz) izda hi marbuta, kif inghad, mal-akkwist tal-istess.

Kwindi, hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-attur ma ghandux dritt jinsisti li d-dritt tieghu jkun ikalkulat ukoll fuq il-VAT pagabbli fuq il-valur tal-progett.

Trattati issa l-ilmenti tal-attur imressqa fl-appell incidentali tieghu, il-Qorti ssib li hu ghandu ragun biss fir-rigward tax-xoghol li sar fil-kcina, u mhux fl-*items* l-ohra. L-ilment tieghu dwar il-valur tal-kuntratt originali mhux gustifikat, ghax jirrizulta li l-ewwel Qorti hadmet fuq il-valur skond il-*letter of acceptance* u l-valur tax-xoghlijiet kif finalment approvati mill-Ministru tal-Finanzi. Dan hu skond il-kundizzjonijiet tat-*tender document*, u din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti. L-istess jinghad fil-kuntest tal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti rigward l-*extra works*, peress li l-valur ta' dawn kif likwidat mill-ewwel Qorti, jidher li hu korrett.

Ghar-rigward tal-ilment tal-attur dwar is-suffitt tal-kcina u l-ghamara tal-istess, jidher li l-attur ghandu ragun fuq l-ewwel item, peress li kien hu li assuma r-responsabbilita`

ghall-kostruzzjoni tal-istess kcina. Il-permess tal-Awtorita` tal-Ippjanar inghata fuq applikazzjoni li hejja hu, u fit-termini tal-Artikolu 97(0) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta), ir-responsabbilita` hi tieghu biex jara li l-izvilupp huwa konformi mal-ligijiet sanitarji tal-pajjiz. Dwar il-*kitchen equipment*, pero`, din il-Qorti tikkondividi dak li qalet l-ewwel Qorti li l-attur ma kellu x'jaqsam xejn mal-kuntratt li nghata separatament; la ghamel l-i*specifications*, la kellu sehem fil-formulazzjoni tat-*tender document*s, u lanqas ma kien fuq il-Bord tal-Ghazla. L-*invoices* relattivi nhargu ghal fuq id-dipartiment li hallas hu direttament minghajr ebda "certifikazzjoni" da parti tal-attur.

Dwar l-ilment tal-attur dwar id-dritt ghall-kejl, l-ewwel Qorti accettat it-tezi tal-attur ibbazat fuq Tariffa K tal-imsemmi Kap. 12, li jipprovdi ghad-dritt ta' 2%. Peress li ma jirrizultax b'mod konvincenti li l-attur kien involut fil-kejl tas-suffitt tal-kcina – a differenza mir-responsabbilita` legali tieghu ghall-istess – din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja l-likwidazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti.

F'kull kaz, il-likwidazzjoni tal-ewwel Qorti trid tigi aggustata, peress li hi hadmet fuq il-valuri, inkluz VAT, mentri kif rajna, id-dritt tal-perit m'ghandux jinhadem fuq l-ispiza u l-VAT, izda biss fuq l-ispiza.

Mehud in konsiderazzjoni dawn l-aggustamenti, il-bilanc dovut lill-attur ghandu jinhadem hekk (ara pagna 18 tas-sentenza tal-ewwel Qorti):

| | | |
|---|---|---|
| Arretrati | Lm6,313 | €14,705 |
| Xoghol Abbandunat | Lm6,000 | €13,976 |
| Kuntratt Rite-Mix | Lm15,432 | €35,947 |
| *Extra works* | Lm2,909 | €6,776 |
| Alterazzjonijiet | Lm345 | €803 |
| Soffit tal-kcina | Lm3,741 | €8,714 |
| Dritt tal-Kejl | Lm6,114 | €14,242 |
| | | |
| Total | Lm40,854 | €95,163 |

Minn din is-somma jrid jitnaqqas l-ammont ta' Lm3,056 (€7,119) minhabba mpjieg ta' konsulenti, li jgib is-*sub-total*

fis-somma ta’ Lm37,798 (€88,044). Wara li jitnaqqas l-ammont tal-hlas li sar, u cioe`, is-somma ta’ Lm34,591 (€80,575), jibqa’ bilanc dovut lill-attur ta’ Lm3,207 ossija €7,469.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali tal-konvenut billi tilqa’ l-istess, u tiddisponi mill-appell incidentali tal-attur billi tilqa’ l-istess in parte, u b’hekk tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma bilancjali ta’ sebat elef erba’ mija u disgha u sittin Euro (€7,469) bhala drittijiet professjonali u spejjez inkluz VAT ghas-saldu tal-pretensjoni tal-attur kif dedotta f’din il-kawza (flok €11,924 kif likwidat mill-ewwel Qorti), bl-interessi legali ta’ 8% mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, peress li d-dizgwid principali gie rezolt favur il-konvenut, jithallsu kwantu ghal zewg terzi ($^2/_3$) mill-attur u terz ($^1/_3$) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------